

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Videjkonferenzi>Informazzjoni ġenerali

Informazzjoni ġenerali

F'termini tal-użu ta' vidjokonferenzi f'każijiet transkonfinali, studji urew li minn perspettiva teknika sistemi ta' vidjokonferenzi użati minn Stati Membri differenti huma interoperattivi. F'bosta Stati Membri taġġmir għall-vidjokonferenzi hu disponibbli fuq firxa wiesja fl-awli tal-qorti. Fl-assenza ta' ostakli tekniċi għandha tingħata aktar attenzjoni sabiex ikun hemm żieda ta' għarfien dwar użu potenzjali ta' vidjokonferenzi u sabiex jinħolqu għodda prattiċi biex tiġi ffaċilitata l-vidjokonferenza.

Għal dan il-għan, f'din it-taqsimha tista' ssib l-informazzjoni li jmiss:

informazzjoni dwar **politika ġenerali ta' vidjokonferenzi**;

fuljett imħejji mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li fih informazzjoni ġenerali dwar il-qafas legali, kwistjonijiet tekniċi u prattiċi tajba fil-vidjokonferenzi transfruntiera – ara d-dokument mehmuż;

manwal li jipprovi aktar informazzjoni dettaljata għal dawk li jipprattikaw fil-qasam legali (e.ż. imħallfin, skrivani tal-qorti, u tekniċi tal-qorti);

Kumpilazzjoni ta' xhieda permezz tal-vidjokonferenzi;

informazzjoni dwar **faċilitajiet nazzjonali** li tippermetti lil dawk li jipprattikaw fil-qasam legali sabiex jiskopru jekk taġġmir ta' vidjokonferenzi hu disponibbli f'qorti speċifika fi Stat Membru ieħor (informazzjoni f'din it-taqsimha hi bbażata fuq input provdut mill-Ministeri tal-Ġustizzja fl-Istati Membri kollha);

formoli dinamiċi attwalment jikkonċernaw biss lill-proċedimenti transfruntiera fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali skont ir-Regolament tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 (ara l-qafas **leġiżlattiv**). Dawn il-fatturi jippermettu lill-qorti li qed taġġmel it-talba sabiex timla r-rikjesta onlajn, sabiex tiċċekkja jekk rikjesta hix kompluta, sabiex tiprintja, tissejvja, tittraduċi fil-lingwa tal-qorti li qed taġġmel it-talba u sabiex tibgħat dawn id-dokumenti bil-posta elettronika;

ir-riżultati tal-proġett "Inizjattiva b'Ħafna Aspetti għal Titjib tal-Vidjokonferenzi Transfruntiera", li ttwettaq mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Vidjokonferenzi u li ġie ffinanzjat taħt il-Programm dwar il-Ġustizzja. L-oġettiv tal-proġett kien li jippromwovi l-użu prattiku u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-għarfien espert dwar il-vidjokonferenzi transfruntiera. Ir-riżultati tal-proġett huma mmirati għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-iskrivani tal-qorti mill-ġudikaturi tal-Istati Membri, involuti f'każijiet transfruntiera, kif ukoll għall-ippjanar tal-persunal tekniċu u għall-appoġġ tal-vidjokonferenzi.

Annessi relatati

Fuljett  (3073 Kb) 

Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill -

"Il-promozzjoni tal-użu u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar il-vidjokonferenzi transfruntiera fil-qasam tal-ġustizzja fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE"

Rapport Finali  (1210 Kb)  mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Liġi Elettronika (e-Justice) - Grupp ta' Esperti dwar il-vidjokonferenzi (l-Annessi hawn taħt)

ANNEX I  (798 Kb) 

ANNEX II  (485 Kb) 

ANNEX III  (208 Kb) 

ANNEX IV  (367 Kb) 

Ir-riżultati tal-proġett "Inizjattiva b'Ħafna Aspetti għal Titjib tal-Vidjokonferenzi Transfruntiera"  (2019 Kb) 

Gwida prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda  (74 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 07/10/2020

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.